# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2019**

**Numru 10**

**Rikors Numru 591/19TA**

**Elektra Limited (Reg. Nru. C-3583)**

**vs**

**1. ZC Installations Limited (C-30750)**
**2. Franco Zammit (K.I. 203057M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-Soċjeta' Attriċi tas-17 ta' Ġunju, 2019 maħluf minn Duncan Agius fl-istess ġurnata li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi s-soċjeta' attriċi tbiegħ oġġetti u prodotti li huma relatati mad-dawl u l-elettriku;

2. Illi s-soċjeta' konvenuta hi klijenta tas-soċjeta' attriċi u tixtri mingħandha, filwaqt li l-konvenut l-ieħor huwa direttur iżda marbut in solidum mas-soċjeta' konvenuta fl-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni mertu tal-preżenti proċeduri;

3. Illi s-soċjeta' konvenuta għandha kont mas-soċjeta' attriċi bin-numru 304797;

4. Illi s-soċjeta’ konvenuta kienet applikat għal, u iffirmat *credit application form* fuq liema applikazzjoni huwa marbut ukoll id-direttur konvenut personalment hekk kif jirriżulta mill-kopja ta’ din il-formola li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. ‘E.1’;

5. Illi s-soċjeta’ konvenuta xtrat merkanzija mingħand is-soċjeta’ attriċi hekk kif jirriżulta mill-*statement of account* hawn anness u mmarkat bħala Dok E2;

6. Illi din il-merkanzija ġiet debitament konsenjata lill-kumpanija konvenuta;

7. Illi sussegwentement għall-konsenja ta’ din il-merkanzija, is-soċjeta’ konvenuta tat lis-soċjeta’ attriċi tlett ċekkijiet datati 30 ta’ Novembru, 2018; 15 ta’ Diċembru, 2018; u 30 ta’ Diċembru, 2018 rispettivament, kopji ta’ dawn iċ-ċekkijiet huma hawn annessi u mmarkati bħala Dok. ‘E 3’ sa Dok. ‘E 5’;

8. Illi kif jirriżulta mid-dokumenti eżebiti dawn iċ-ċekkijiet inħarġu fuq kont li s-soċjeta’ konvenuta ZC Installations Limited għandha mal-Bank of Valletta plc kont numru 40019230287, u ġew iffirmati mid-direttur tas-soċjeta’ konvenuta u ċioe’ l-konvenut l-ieħor Franco Zammit;

9. Illi dawn iċ-ċekkijiet ma ġewx onorati u għalhekk is-soċjeta’ attriċi ma tħallsitx għall-merkanzija mibjugħa u debitament ikkonsenjata lis-soċjeta’ konvenuta;

10. Illi minħabba dan l-aġir abbużiv u illegali tal-konvenuti, is-soċjeta’ attriċi irnexxielha tirkupra lura parti mix-xogħol li kienet ikkonsenjat u biegħet lis-soċjeta’ konvenuta. Jiġi preċiżat li għall-merkanzija li ħadet lura, l-istess soċjeta’ attriċi ħarġet *credit notes* hekk kif jirriżulta minn Dok. ‘E 2’ eżebit;

11. Illi nonostante dak indikat fil-paragrafu preċedenti s-soċjeta’ konvenuta xorta baqgħalha bilanċ sostanzjali xi tħallas lis-soċjeta’ attriċi, hekk kif jirriżulta mill-*istatement of account* (Dok. ‘E 2’) u l-invoices relattivi eżebiti (Dok.’E6’), is-soċjeta’ konvenuta hi debitriċi fil-konfront tas-soċjeta’ attriċi fl-ammont ta’ sitta u ħamsin elf, tlett mija sitta u tmenin ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmi (€56,386.78ċ);

12. Illi għalhekk l-intimati ġew debitament interpellati iħallsu l-ammont dovut iżda baqgħu inadempjenti;

13. Illi jiġi rilevat li d-direttur tas-soċjeta’ konvenuta, Franco Zammit, daħal bħala garanti personalment u *in solidum* għas-soċjeta’ konvenuta għall-obbligi tagħha kif fuq diġa’ deskritt u li għalhekk qed jiġi mħarrek ukoll fil-vesti tiegħu personali bħala garanti *in solidum* (f’dan is-sens ara kopja tal-*credit application form* annessa u mmarkata bħala Dok. ‘E.1’);

14. Illi b'hekk is-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenuti fl-ammont ta' sitta u ħamsin elf, tlett mija sitta u tmenin ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmi (€56,386.78ċ);

15. Illi dan l-ammont qed jiġi kkonfermat bil-ġurament mid-direttur tas-soċjeta' attriċi anke permezz ta' dikjarazzjoni ġuramentata li qed tiġi mmarkata Dok. 'E7';

16. Illi l-ammont imsemmi huwa wieħed ċert, likwidu u dovut;

17. Illi l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talba attriċi;

18. Illi għalhekk il-konvenuti m'għandhom l-ebda difiża xi jressqu dwar l-istess kreditu;

19. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tgħid għalhekk is-soċjeta' konvenuta għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:

1. Fl-ewwel lok, **TIDDEĊIEDI** din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 *et sequentes tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili* (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) *in vista* tad-dikjarazzjoni ġuramentata hawn annessa u mmarkata bħala "Dok: E7"; u

2. Fit-tieni lok, **TIDDIKJARA** lill-konvenuti bħala debituri solidari *versu* s-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' sitta u ħamsin elf, tlett mija sitta u tmenin ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmi (€56,386.78ċ) u konsegwentement **TIDDIKJARA** lis-soċjeta' attriċi bħala kreditur tal-konvenuti b'mod solidali bejniethom fl-istess menzjonat ammont;

3. Fit-tielet lok, **TIKKUNDANNA** lill-konvenuti b'mod solidali jħallsu lis-soċjeta' attriċi l-imsemmi ammont ta' sitta u ħamsin elf, tlett mija sitta u tmenin ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmi (€56,386.78ċ).

**Bl-ispejjeż** tal-preżenti proċeduri, inklużi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru ippreżentat fit-28 ta' Mejju, 2019 numru 688/2019 u bl-interessi fuq l-ammont domandat ta' €56,386.78 bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), skond il-Liġi, dekorribbli min-notifika tal-preżenti att ġudizzjarju sad-data tal-pagament effettiv u finali."

Rat li l-Konvenuti minkejja mogħtija għoxrin (20) ġurnata biex jippreżentaw in-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2019 baqgħu kontumaċi;

Rat li ċiononostante fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2019 mogħtija ħamest (5) ijiem żmien biex jagħmlu nota ta' osservazzjonijiet ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta baqgħu inadempjenti;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda tas-Soċjeta' Attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Minkejja li din il-kawża nbdiet bil-proċedura speċjali sommarja, din il-Qorti xorta tat opportunita' lill-Konvenuti jikkontestaw il-kawża. B'danakollu l-Konvenuti baqgħu kontumaċi.

Il-Qorti fliet ix-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti mis-Soċjeta' Attriċi. Jirriżulta mix-xhieda ta' Alison Muscat fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2019 li l-ammont reklamat għadu dovut għar-raġunijiet premessi fir-rikors ġuramentat. L-ammont kollu huwa dak ta' sitta u ħamsin elf, tlett mija sitta u tmenin ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmi (€56,386.78ċ). Skont

ix-xhieda tal-imsemmija, il-Konvenuti saħansitra kkonfermaw li ser iħallsu b'danakollu ma jirriżultax li sar xi ħlas.

Il-Qorti għalhekk hija konvinta li t-talbiet huma fondati fil-fatt u fid-dritt u kwindi jimmeritaw li jintlaqgħu.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tastjeni** milli tieħu konjzzjoni tal-ewwel talba;

**Tilqa'** t-tieni talba attriċi billi tiddikjara lill-Konvenuti bħala debituri solidalment bejniethom versu s-Soċjeta' Attriċi fl-ammont ta' sitta u ħamsin elf, tlett mija sitta u tmenin ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmi (€56,386.78ċ);

**Tilqa'** t-tielet talba attriċi u għalhekk tikkundanna lill-Konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lis-Soċjeta' Attriċi l-ammont ta' sitta u ħamsin elf, tlett mija sitta u tmenin ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmi (€56,386.78ċ) bl-imgħaxijiet ta' 8% mis-26 ta' Lulju, 2019 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tat-28 ta' Mejju 2019 numru 688/2019 a karigu tal-Konvenuti solidalment bejniethom.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**